SAN ĠILJAN

# Kunsill Lokali San Ġiljan

Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 12
Tel: 21 375376, 21 373111 Fax: 21 373444
*e-mail:* sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 35/K4/04

**Nru. tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 12/08/'04 180**

**Nru. ta' seduti minn 07/04/'94 – 12/08/'04 233**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 12 t'Awissu 2004.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, Triq Forrest, San Ġiljan, fit-2.30 p.m.

1.03 Preżenti: Seba' membri tal-Kunsill flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-Iskrivana Lindsay Debattista.

1.04 Preżenza tal-pubbliku: 1

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-talba.

**1.2 Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fit-6 t'Awissu 2004. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Rapport Finanzjarju
4. Rapport Amministrattiv
5. Ta' Ġiorni
6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta' Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 34/K4/04 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ressaq emenda għal Paġna 5 Taqsima 6 Paragrafu 6.02 biex wara l-kelma **meeting** jiżdied il-kliem **jekk ikun possibbli.**

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Il-Kunsillier Irene Borg pproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 34/K4/04 kif emendati.

1.3.06 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ssekondaha.

1.3.07 Il-Kunsill qabel unanimament.

**1.4** Il-Kunsilliera Nicky Pillow u Robert Camenzuli waslu fit-2.45 p.m.

**2 Korrispondenza**

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman Peter Bonello. Dawn huma:-

| **Rif. Nru.** | **Korrispondenza** |
|---|---|
| 2450 | Kwotazzjoni mingħand Ozosystem Ltd. rigward tneħħija ta' chewing gum minn fuq il-bankina ta' bejn il-Barracuda u l-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan . |
| 2495 | Ittra mingħand il-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura rigward 'duck colony'. |
| 2550 | Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2004-2005. |
| 2502 | Ittra mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura rigward 'public convenience' f'Paceville. |
| 2603 | Ittra mingħand il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern rigward komunikazzjoni mill-Ambaxxata ta' Franza f'Malta. |
| 2868 | Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward forum ġewwa Pariġi bejn il-25 u is-26 ta' Novembru 2004. |
| 2994 | Email mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward l-ismijiet li ittellgħu bil-polza li ser jattendu għal forum ġewwa Pariġi bejn il-25 u is-26 ta' Novembru 2004. |
| 2655 | Ittra mingħand l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi rigward id-deċiżjonijiet li ħa l-Kunsill. |

2680 Email mingħand Dr. Stefano Filletti rigward l-Arbitraġġ 4/2003.

2694 Email mingħand l-Environmental Landscapes Consortium rigward fatturi numri 555, 583, 663, 691 u 637.

2714 Ittra mingħand il-Ministeru għall-Familja u Solidarjeta' Soċjali rigward Tender Kuridur Ekoloġiku Ta' Ġiorni (it-tieni fażi).

2715 Ittra mingħand Northern Cleaning Co-operative Ltd. rigward is-servizz ta' ġbir ta' skart fil-lokalita ta' San Ġiljan.

2796 Kopja ta' email mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali rigward is-servizz ta' ġbir ta' skart.

2778 Ittra mingħand Natale u Mary Azzopardi rigward permess għad-dħul u parkjar fi Triq San Ġorġ.

2788 Ittra mingħand Corinthia San Ġorġ Hotel rigward il-konġestjoni tat-traffiku fit-telgħa bejn l-ITS u l-Henry J. Beans.

2791 Email mingħand Fr. Colin Apap rigward proposta ta' ħidma flimkien favur il-fqar fil-lokalita.

2876 Email mingħand il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern rigward Car Free Day bħala parti mill-*European Mobility Week*.

2910 & K662 Email mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u ittra tal-Kunsill rigward laqgħa li saret dwar l-indafa u ġbir ta' l-iskart f'Paceville.

2939 Ittra mingħand Sisa Malta Ltd. rigward faċilitajiet ta' Parking għal Sisa Supermarket.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

2.02 Rif. Nru 2450

Saret riferenza għall-kwotazzjoni mingħand Ozosystem Ltd. rigward tneħħija ta' 'chewing gum' minn fuq il-bankina ta' bejn il-Barracuda u l-Każin tal-Banda ta' San Ġiljan.

2.03 Wara diskussjoni ċ-Chairman Peter Bonello ppropona li jsir x-xogħol u li dan isir wara l-festa.

2.04 Il-Kunsillier Nicky Pillow issekondah.

2.05 Din il-mozzjoni għaddiet għall-votazzjoni fejn tlett kunsilliera vvutaw favur, tlieta vvutaw kontra u wieħed astjena.

2.06 Hawnhekk iċ-Chairman uża l-‘casting vote’ u vvota favur.

2.07 Għaldaqstant il-mozzjoni għaddiet.

2.08 Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li għandhom jiġu osservati l-proċeduri finanzjarji.

2.09 Rif. Nru 2495

B’riferenza għall-ittra mingħand il-Ministeru għat-Turiżmu u Kultura rigward ‘duck colony’ ġie deċiż unanimament li, għalkemm hija x-xewqa tal-Kunsill li jżommhom, jintalab parir mingħand il-Bird Life biex il-Kunsill jiġi ggwidat x’għandu jagħmel bihom.

2.10 Rif. Nru 2550

B’riferenza għall-eMail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward tnaqqis fl-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2004-2005, ġie deċiż unanimament li tintbagħat ittra ta’ oġġezzjoni lill-Ministru għall-Kunsilli Lokali. Dan minħabba l-fatt li l-lokalita’ ta’ San Ġiljan tinsab f’żona turistika u l-popolazzjoni fil-lokalita’, bejn turisti u nies oħra li jiġu fiha, titla għal madwar 40,000 u 50, 000 ruħ kuljum fis-sajf. Minbarra dan huwa kkalkulat li fix-Xitwa bejn il-Ġimgħa, is-Sibt u l-Ħadd jiffrekwentaw il-lokalita’ l-istess ammont tan-nies filwaqt li għall-kumplament tal-ġimgħa jiffrekwentaw il-lokalita madwar 20,000 ruħ kuljum. Għaldaqstant il-bżonnijiet tal-Kunsill huma ħafna akbar minn l-allokazzjoni li l-Kunsill qed jingħata.

2.11 Rif. Nru 2502

Saret riferenza għall-ittra mingħand il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura rigward ‘public convenience’ f’Paceville. Hawnhekk iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-tenders ta’ l-istreet sweeping, tal-bulky refuse u tal-public convenience ser jgħalqu fl-aħħar ta’ Settembru. Għalhekk ippropona li jiġġedded il-kuntratt għal sena oħra bl-istess rati u kundizzjonijiet diment li dan jinkludi l-‘public convenience’ f’Paceville. Jekk il-kuntrattur ma jaċċettax jinħarġu offerti ġodda.

2.12 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondah.

2.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

2.14 Rif. Nru 2603, 2868 u 2994

B'riferenza għall-ittri mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali rigward forum ġewwa Pariġi, bejn il-25 u is-26 ta' Novembru 2004, il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sindku Peter Bonello ser jattendi għal dan il-forum u li l-lukanda ser titħallas mill-Kunsill. Madankollu saret riferenza ukoll għall-Memo 8/2002.

2.15 Rif. Nru 2655

B'riferenza għall-ittra mingħand l-Għaqda Sajjieda u Dilettanti Ġiljaniżi ġie deċiż li jiġu nfurmati bil-laqgħa ta' Settembru u li ssir 'item' fuq l-aġenda.

2.16 Rif. Nru 2694

B'riferenza għall-email mingħand l-Environmental Landscapes Consortium rigward fatturi numri 555, 583 ġie deċiż unanimament illi jitħallas biss nofs l-ammont biex jagħmel tajjeb għal xogħolijiet li l-Kunsill kien qabbdu jagħmel wara li kien terminat l-kuntratt.

2.17 Rif. Nru 2778

B'riferenza għall-ittra mingħand Natale u Mary Azzopardi rigward talba għall-permess għad-dħul u pparkjar fi Triq San Ġorġ, ġie deċiż unanimament li din it-talba tiġi rrakkomandata lill-Awtorita' dwar it-Transport.

2.18 Rif. Nru 2788

B'riferenza għall-ittra mingħand il-Corinthia San Ġorġ Hotel rigward il-konġestjoni tat-traffiku fit-telgħa bejn l-ITS u l-Henry J. Beans, ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni u li l-ittra tiġi riferuta lill-Awtorita' dwar it-Transport.

2.19 Rif. Nru 2791

B'riferenza għall-email mingħand Fr. Colin Apap rigward proposta ta' ħidma flimkien favur il-fqar fil-lokalita, l-Kunsill qabel li jiġi nfurmat li jekk il-Kunsill jkun jaf b'xi każ nirreferuh lilu.

2.20 Rif. Nru 2876

B'riferenza għall-email mingħand il-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern rigward Car Free Day bħala parti mill-*European Mobility Week*, ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva l-Kunsill jerġa jipparteċipa f'din l-attivita' u li jieħdu ħsiebha l-Kunsilliera Nicky Pillow u Robert Camenzuli.

2.21 Rif. Nru 2910 u K662

B'riferenza għall-eMail mingħand l-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali rigward laqgħa li saret dwar l-indafa u ġbir ta' l-iskart f'Paceville, il-Kunsill qabel fil-prinċipju.

2.22 Rif. Nru 2939

B'riferenza għall-ittra mingħand Sisa Malta Ltd. rigward faċilitajiet ta' Parking għal Sisa Supermarket, il-Kunsill ma qabilx mat-talba li saret.

**3. Rapport Finanzjarju**

3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq ir-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Ġunju 2004 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'A')

3.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsilliera Irene Borg pproponiet l-approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju sat-30 ta' Settembru 2004.

3.03 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ssekondaha.

3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**4.2 Rapport Amministrattiv**

4.01 Iċ-Chairman ressaq ir-Rapport Annwali Amministrattiv 2003/04 għall-approvazzjoni. (Ara Appendiċi 'B')

4.02 Wara diskussjoni qasira l-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2003/04.

4.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

4.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**5. Ta' Ġiorni**

5.01 Saret riferenza għall-ittri Inc. 2873 u Inc. 2879, mingħand Schranz and Associates Ltd. (Ara Appendiċi 'Ċ')

5.02 Wara diskussjoni l-Kunsill qabel unanimament mal-kontenut ta' l-ittri u għaldaqstant dawn ser jiġu riferuti lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Bini u Tiswija Ta' Djar, il-Perit Anton Camilleri qabel tintbagħat il-***Letter of Acceptance*** lill Schranz & Associates Ltd.

**6. Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'D').

6.02 Il-Kunsillier Norman Vella ppropona l-approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet.

6.03 Il-Kunsillier Marcel Scicluna ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

6.05 Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li l-Contracts Manager huwa imsiefer u li hemm xi kontijiet li ma laħaqx iċċertifika, għaldaqstant staqsa jekk hemmx xi oġġezzjoni mill-Kunsill li dawn jitħallsu qabel laqgħa oħra tal-Kunsill la darba dawn jiġu ċċertifikati mill-Contracts Manager.

6.06 Il-Kunsill ma oġġezzjonax.

**7. Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Purchase Request Sheets minn nru. 1646 sa 1697 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'E').

7.02 Il-Kunsillier Robert Camenzuli ppropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets.

7.03 Il-Kunsillier Nicky Pillow issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**8 Materji Oħra**

8.01 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jiġu diskussi materji oħra.

8.02 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

8.03 Iċ-Charman Peter Bonello staqsa lill-Kunsill jekk hemmx qbil li ż-zuntier ta' Lapsi, il-parti li kellu jagħmel is-Sur Sullivan għall-spejjeż tiegħu, bil-materjal provdut mill-Kunsill, isirx bil-volcanic stone ta' kulur skur minflok hardstone.

8.04 Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni dment li ma jkunx hemm oġġezzjoni mill-Kappillan.

8.05 Il-Kunsill qabel li jintalab parir mingħand il-Perit Lino Cachia minħabba li fi Triq il-Fraxxnu r-residenti qed jilmentaw peress li tneħħew ir-rampi tal-konkos minn quddiem il-garaxijiet biex saret it-triq.

8.06 Ġie deċiż unanimament li l-Iskrivana Connie Saliba tingħata Lm100 għas-servizz li tagħat.

8.07 Ġie deċiż unanimament li jiġu rranġati dawn il-bankini :-

- ✓ Triq il-Kbira in-naħa ta' ħdejn il-ħwienet tal-Pjazza tal-Balluta. Din għandha ssir bil-madum bhall-bankina tal-ħdejn il-Knisja tal-Karmnu.
- ✓ Triq Ta' Ġiorni, sejjer lejn San Ġwann, minn ħdejn il-ħwienet sa kantuniera ma' Triq il-Fagu.

8.08 Ġie deċiż unanimament li tintuża is-sistema li x-xogħol isir mill-Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastuttura filwaqt li l-materjal jitħallas mill-Kunsill (Rif.inc. 3775 / 03).

8.09 Il-Kunsill qabel unanimament li Bayswater Engineering jitħallas tax-xogħol li għamel, tal-paving blocks u l-konkos ta' taħtu, biex jkun jista jkompli l-aħħar 'finishing touches' li huma il-'light fixtures', iġib l-provista tad-dawl, 'ir-railings' u l-bankijiet.

8.10 Ġie deċiż unanimament li :-

- ✓ Jsir patching taħt ir-rampa tal-garaxx, quddiem 1 Telgħet B'Kara.
- ✓ Isir patching fi Triq San Ġorġ quddiem id-Dick's Bar u ċ-Champ Pastizzeria.
- ✓ Issir tabella ta' 'No Entry' *except un/loading* u *all heavy vehicles not permitted* quddiem ir-rampa ta' ħdejn il-monument 'LOVE' fi Triq Ġ.B. Olivier
- ✓ Jitwaħħlu f'posthom il-bankijiet fi Triq Ġorġ Borg Olivier.
- ✓ Jinħasel darba fil-ġimgħa t-taraġ li jagħti għall-knisja parrokjali, mit-Triq Michelangelo Borg, bil-*power wash*.
- ✓ Tinġibed l-attenzjoni tal-Contract's Manager li l-bankina li saret fi Triq Jean Houel qed tinqasam.

8.11 Iċ-Chairman Peter Bonello ġibed l-attenzjoni li l-għada tal-festa l-uffiċċju tal-Kunsill ser ikun magħluq.

8.12 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir fis-2.30 p.m.

8.13 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fis-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| Peter Bonello | Helen Walker |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |